

MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0050/09

skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Evelyne Gebhardt, Herbert Bösch, Pierre Pribetich, Jan Cremers u Harald Ettl f'isem il-Grupp PSE

lill-Kummissjoni

Suġġett: Problemi fil-forniment ta' servizzi minn Stati Membri tal-UE fl-Iżvizzera

Fl-1 ta' Ġunju 2002 bosta ftehimiet bilaterali rigward il-libertà ta' moviment ta' persuni u t-trasport ta' persuni bejn l-Iżvizzera u l-Unjoni Ewropea daħlu fis-seħħ. Dawn il-ftehimiet jifitxu s-suq Żvizzeru għall-fornituri ta' servizzi mill-Istati Membri tal-UE u s-swieq tal-Istati Membri tal-UE għall-fornituri ta' servizzi Żvizzeri. Sabiex jiġu protetti l-ħaddiema Żvizzeri u l-ħaddiema mibgħuta jaħdmu mill-Istati Membri tal-UE, il-liġi Żvizzeri tipprovdi li l-pagi u l-istandards Żvizzeri għandhom jiġu rispettati. Dan jintlaqa' b'sodisfazzjon espressament mill-awturi ta' din il-mistoqsija; madanakollu, fl-implimentazzjoni fil-prattika jinqalgħu bosta problemi li jikkumplikaw il-forniment ta' servizzi mingħajr bżonn. Pereżempju, huwa estremament diffiċli għal fornitur ta' servizz barrani li jistabbilixxi liema paga minima stipulata permezz ta' ftehim kollettiv tapplika fis-settur korrispondenti fil-canton fejn jiġu pprovduti is-servizzi. L-inċertezza legali u n-nuqqas ta' trasparenza li jirriżultaw minn dan ixejnklu l-forniment ta' servizzi. Trasparenza aħjar u koordinazzjoni akbar huma fl-interess kemm tal-kumpaniji Żvizzeri kif ukoll tal-kumpaniji barranin u l-ħaddiema li jaħdmu fl-Iżvizzera. Għaldaqstant, kumpaniji barranin li jixtiequ jaħdmu fl-Iżvizzera għandhom ikunu informati tajjeb dwar il-liġijiet tax-xogħol u l-kuntratti kollettivi tax-xogħol fis-seħħ fl-Iżvizzera qabel ma jidħlu fil-pajjiż.

Bażikament, imprendituri mir-reġjuni konfinali jilmentaw dwar id-differenzi qawwija fl-interpretazzjoni tal-liġijiet bejn il-cantons individwali. Dan japplika wkoll għall-obbligu tal-fornituri ta' servizzi li jirreġistraw mal-awtoritajiet tmint ijiem qabel ma jibdew joperaw, kif tipprovdi l-liġi Żvizzeri dwar il-ħaddiema mibgħuta; dan joħloq problemi għall-imprendituri barranin.

Is-Segretarjat Żvizzeru tal-Istat għall-Affarijiet Ekonomiċi (SECO) qed jirsisti biex tiżdied it-trasparenza u jiġu ssimplifikati proċeduri għall-fornituri ta' servizzi barranin fil-qafas tal-grupp ta' ħidma trinazzjonali, u b'hekk teħfief l-implimentazzjoni tal-liġi dwar il-ħaddiema mibgħuta.

Il-Kummissjoni tara hawnhekk possibiltà li tiegħu azzjoni biex il-vantaġġi li l-libertà fil-forniment ta' servizzi fl-Iżvizzera toffri, fil-prattika jkunu jistgħu jiġi sfruttati aħjar fil-futur? future?

Imressqa: 04.03.2009

Mibgħuta: 06.03.2009

Skadenza: 13.03.2009